**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 46/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/07/'11 275**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/07/'11 330**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kien preżenti wkoll il-Perit Stephen Farrugia u is-Sur Albert Borg.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.1.02 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Lulju 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Bye-Laws - Bini Abbandunat
4. Skema 2 - Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern
5. Aġġornament – Tenders:-
    - Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras
    - Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 45/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 45/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 12/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A').

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg staqsiet jekk setgħetx issir il-laqgħa b'żewg membri biss.

1.3.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li peress li hemm vaganza ta' membru fil-Kumitat Amministrattiv bħalissa hemm erba' membri u b'hekk kien hemm quorum.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3547 | Email mingħand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward taħriġ fis-servizzi EGOV taħt il-Proġett tal-Unjoni Ewropea – EGOV4U. |
| 3620 | Ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra rigward talba sabiex il-Kunsill jikkolabora mat-tradizzjoni tal-Ġostra li ssir fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġiljan. |
| 3738 | Email mingħand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward devoluzzjoni ta' dawl tat-toroq. |
| 3857& K0854 | Email mingħand l-Electro Waste Malta Ltd. rigward ir-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ. |
| 3988 | Email mingħand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward hENCE – Applikazzjoni. |
| 3630,3775 & 4049 | Email mingħand il-Malta Post Office rigward mobile post office. |
| 4061 | Donazzjoni mingħand il-Latina Pictures Ltd. |
| 4062 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema: Memo 52/2010 u Memo 93/2010 – Skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet Lifelong Learning. |
| 4118 & K0884 | Email mingħand il-European Commission - feedback rigward ir-rapport tas-Sustainable Energy Action Plan (SEAP). |

4184 Email mingħand Dr. Stefano Filletti dwar it-talba ghal konfermazzjoni mingħand Polidano Bros. rigward it-toroq tal-PPP.

A.L. 248 tal-2011 rigward Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3547

2.02 Saret riferenza għal e-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward taħriġ fis-servizzi EGOV taħt il-Proġett tal-Unjoni Ewropea – EGOV4U. Ġie deċiż unanimament illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tiġi nfurmata li l-Kunsill interessat iżda m'għandux il-faċilitajiet u l-post adekwat.

2.03 Jekk din it-talba tiġi aċċettata, jiġi deċiż minn ser ikun il-*person in charge.*

2.04 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 4 u 5b ta' l-aġenda qabel titkompla item 2.

2.05 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

2.06 Il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg waslu fl-3.40 pm.

**4 Skema 2 - Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li saru il-*Bill of Quantities* u dawn ġew approvati mill-Awtorita' tad-Djar.

4.02 Il-Perit Stephen Farrugia nforma lill-Kunsill li l-preparazjoni tad-dokument ta' l-offerti huwa fi stadju avvanzat u għandu jkun lest il-ġimgħa d-dieħla.

4.03 Ġie deċiż unanimament li meta jkun lest tinħareġ is-sejħa għal offerti.

4.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-Awtorita' tad-Djar biex tittieħed azzjoni min-naħa tagħhom sabiex jitneħħa kull ħaġa llegali li hemm fil-binjiet tal-Gvern. Il-Kunsill jesiġi li dan għandu jsir qabel ma jibdew ix-xogħolijiet tal-manutenzjoni. Il-Kunsill ma jridx li minħabba xi nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Awtorita' tad-Djar il-Kunsill ikun f'sitwazzjoni li jista' jitlef il-fondi li ser jingħata fuq din l-iskema.

4.05 Regħet nġibdet l-attenzjoni tal-Perit Stephen Farrugia biex jibgħat l-update tal-Bills of Quantities (Rif. Nru. K848/Proj.FI-Scheme2/11-MM – Ara Appendiċi 'B').

## 5 Aġġornament

### (b) Tender - Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bl-evalwazzjoni tat-tender. Dan id-dokument ġie spjegat mis-Sur Albert Borg rappreżentant tal-MP&DC u s-Segretarju Eżekuttiv (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Wara diskusjoni twila l-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona li tintagħżel l-offerta tal-Velljo Services peress li irriżulta li *stante*:-

- il-kwotazzjoni tal-Velljo Services hija orħos mill-ammont li l-Kunsill qed iħallas preżentament;
- li l-kwotazzjoni tan-Northern Cleaning Group Ltd. rigward Paceville, fil-fehma tal-Kunsill hija tant baxxa li l-Kunsill għandu dubju jekk jistax jingħata servizz tajjeb;
- li l-offerta tan-Northern Cleaning Group Ltd. rigward San Ġiljan hija ħafna ogħla minn dik tal-Velljo Services.

5.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

5.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn ħames Kunsilliera vvutaw favur, wieħed kontra u ieħor astjena.

5.05 Din il-mozzjoni għaddiet.

5.06 Ġie deċiż unanimament li din id-deċiżjoni tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-verifika.

5.07 Il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg ġew skużati fil-5.20 pm.

5.08 Il-Kunsill qabel unanimament li l-iskips fil-lokalita' jitneħħew kollha malli jibda jopera l-kuntratt il-ġdid.

**2 Tkompliet il-korrispondenza u fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3620

2.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda tal-Ġostra rigward talba sabiex l-attivita' tal-Ġostra tradizzjonali tittella' b'kollaborazjoni mal-Kunsill fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġiljan. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li din l-għaqda imniżla fuq il-lista li ntbagħtet lill-Green MT skont il-Minuti 44/K6/11.

2.08 Ġie deċiż unanimament li kopja ta' din l-ittra tintbagħat lill-Green Mt.

Rif. Nru. 3857

2.09 Saret riferenza għall-email mingħand l-Electro Waste Malta Ltd. rigward ir-reċiklaġġ tal-ħwejjeġ. Ġie deċiż unanimament illi r-reklam dwar ir-reċiklaġġ tal-ħwejjeġ jiġi ppubblikat fuq ir-rivista tal-Kunsill.

Rif. Nru. 3988

2.10 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-Applikazzjoni hENCE. Ġie deċiż unanimament illi jiġu n-nominati l-Viċi-Sindku Richard Scicluna u l-Kunsillier Norman Vella sabiex jipparteċipaw fil-konferenza tal-proġett hENCE ġewwa Lauco, fl-Italja.

Rif. Nru. 3630, 3755 u 4049

2.11 B'riferenza għall-email mingħand il-Malta Post Office rigward *mobile post office*. Ġie deċiż unanimament li l-Malta Post Office jiġu nfurmati li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tagħhom u qed jissuġġerixxi li s-servizz jingħata minn tlett postijiet fi ġranet differenti. Il-postijiet huma:-

- Il-Balluta ħdejn ir-reserved parking;
- Spinola fil-parking area tat-Tigulio;
- Ta' Ġiorni ħdejn il-Merħba Pharmacy.

## 3 Bye-Laws - Bini Abbandunat

3.01 B'riferenza għall-bini abbandunat fil-lokalita', ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jieħu parir legali dwar x'jista jsir.

## 5 Aġġornament

### (a) Tender - Tmexxija tal-Kumpless Dun Anton Sciberras

5.09 B'riferenza għat-tender għat-tmexxija tal-kumpless Dun Anton Sciberras, ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Edgar Montanaro ikompli jagħmel l-emendi fid-dokument tat-tender qabel ma tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq u ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3035 sa 3053 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3035 sa 3053.

7.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsilliera ġew nfurmati biex jipprovdu l-artiklu għar-rivista tal-Kunsill sa nhar it-Tnejn 1 t'Awwissu 2011.

8.02 Il-Kunsill approva unanimament servizz addizzjonali mingħand is-Sur Raymond Attard għat-tindif tat-toroq fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu l-Balluta u fil-Festa ta' San Ġiljan. L-istima li ngħatat lill-Kunsill hija ta' €450 inkluz il-VAT għal kull okkażjoni (Ara inc. 4060/11 u 4059/11- Appendiċi 'F').

8.03 Il-laqgħa li jmiss ser issir il-Ħamis 4 t'Awwissu filwaqt li ta' Settembru ser issir il-Ħamis 29 tax-xahar;

8.04 Ġie deċiż unanimament li jekk tippermetti s-sistema tal-PABX li għandu l-Kunsill, tiġi nstallata linja tat-telefon oħra biex tintuża mill-Kunsilliera biss.

8.05 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-6.15 pm.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**